## Riforma fir-Reġjuni

Ir-reġjuni ġew imwaqqfa f' Pajjiżna lura fis-sena 2010, fejn anki iddaħħlu fil-kostituzzjoni fl-istess sena. Dan minkejja li kienu ġew imnedija, permezz tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali fis-sena 1993.

Kull Reġjun jikkonsisti minn bejn 10 u 15-il Kunsill Lokali, biex b' kollox ghandna 5 Reġjuni, 4 f' Malta u wieħed f' Għawdex. Kull Reġjun għandu President Reħjonali, Viċi President u Segretarju Eżekuttiv.

### Kumitat tar-Reġjuni (KtR)

Il-Reġjuni huma rappreżentattivi fil-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Kumitat tar-Reġjuni huwa l-assemblea tal-Unjoni Ewropea (UE) tar-rappreżentanti lokali u reġjonali li tipprovdi lill-awtoritajiet sottonazzjonali (jiġifieri r-reġjuni, il-kontej, il-provinċji, il-muniċipalitajiet u l-bliet) b'vuċi diretta fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-UE.

Imwaqqaf fl-1994, il-KtR inħoloq biex jindirizza żewġ kwistjonijiet ewlenin. L-ewwel, madwar tliet kwarti mil-leġislazzjoni tal-UE hija implimentata fil-livell lokali jew reġjonali; għalhekk huwa xieraq li r-rappreżentanti lokali u reġjonali jingħataw vuċi fit-tħejjija tal-liġijiet il-ġodda tal-UE. It-tieni, kien hemm tħassib dwar id-distakk dejjem akbar bejn il-pubbliku u l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea; l-involviment tal-livell ta' gvern elett li jkun l-aktar qrib taċ-ċittadini kien mod wieħed kif jiġi eliminat dan id-distakk.

### Twaqqif tar-Reġjuni f' Malta

Sa mill-2001, is-sena li fihom twaqqfu r-reġjuni f' Pajjiżna, dawn ma ingħataw l-ebda rwol jew funzjoni x' jaqdu. Ma ingħataw l-ebda allokazzjoni finanzjarja u fuq kollox tħallew għal riħhom sabiex isibu post minn fejn joperaw.

Fl-opinjoni tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, riforma fir-regjuni għandha tinkludi;

- *Allokazzjoni diretta*
- *Formazzjoni Eżekuttiva tar-Reġjun*
- *Tibdil fil-konfini tar-Reġjuni*
- *Possibilment konfini li jkunu ugwali għal dawk ta' entitajiet oħra Governattivi*
- *Għarfien tar-Reġjun*
- *Funzjoni u responsabbiltajiet ċari*
- *Studju ta' fejn għandu jkun l-uffiċċju tar-Reġjun*
- *Tneħħija tat-tribunali lokali*

## Allokazzjoni Diretta

Ir-Reġjuni għandu jibda jkollhom allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali skont ir-responsabiltajiet li huma jingħataw. Ma nistgħux nibqgħu b' reġjuni li jiddependu biss fuq flus akkumulati matul iż-żmien mis-sistema tal-infurzar lokali u fuq il-ħlas mill-Aġenzija LESA għal uħud mill-ispejjeż amministrattivi tagħhom.

Din m'għandhiex tkun diffiċli għaliex jekk ir-reġjuni jingħataw responsabiltajiet li bħalissa qegħdin għand il-Gvern Ċentrali, il-budget finanzjarju xorta waħda kien qed imur għand l-entita', ministeru jew dipartiment partikolari. Dan issa jkun irid jibda jgħaddi lir-Reġjuni. Madankollu, irid ikun hemm allokazzjoni diretta addizzjonali għal operat Amministrattiv tar-reġjun. Din hija kardinali u imperattiva.

## Formazzjoni Eżekuttiva tar-Reġjun

Wasal iż-żmien li wieħed jistudja bis-serjeta' l-kompożizzjoni Eżekuttiva tar-Reġjuni. Wieħed għandu jistaqsi jekk il-President Reġjonali għandux ikun full timer. Jekk għandhiex issir elezzjoni seperata għalih mir-residenti tal-lokalitajiet li jiffurmaw dak ir-reħjun. Jekk il-President Reġjonali għandux ikun kunsillier jew saħansitra Sindku ta' wiehed mill-Lokalitajiet tiegħu. X' inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' ħaġa bħal din? F' dan il-każ, l-elezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha tibqa ssir bl-istess format?

## Tibdil fil-Konfini tar-Reġjuni

Skond l-emendi li saru fl-Att għal Kunsilli Lokali u permezz tal-Att Numru XVI tal-2009, ġew stabbilliti 5 Reġjuni;

- **Reġjun Għawdex** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tar-Rabat, Fontana, Għajnsielem, l-Għarb, l-Għasri, Ta' Kerċem, il-Munxar, in-Nadur, il-Qala, San Lawrenz, Ta' Sannat, ix-Xagħra, ix-Xewkija u ż-Żebbuġ (14-il Kunsill)
- **Reġjun Tramuntana** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Imdina, Ħad-Dingli, Ħal Għargħur, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, Pembroke, ir-Rabat, San Pawl il-Baħar, is-Swieqi u l-Imtarfa (12-il Kunsill)
- **Reġjun Ċentrali** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, il-Gzira, l-Iklin, Ħal-Lija, l-Imsida, il-Pietà, San Giljan, San Gwann, Santa Venera, Tas-Sliema u Ta' Xbiex (13-il Kunsill)
- **Reġjun Xlokk** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla, Bormla, Ħaż-Żabbar, i-Zejtun, il-Fgura, Floriana, il-Kalkara, il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Paola, Ħal Tarxien u x-Xgħajra (15-il Kunsill)
- **Reġjun Nofsinhar** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi, Ħaz-Zebbug, is-Siggiewi, Birzebbugia, il-Gudja, Ħal Għaxaq, il-Ħamrun, Ħal Kirkop, Ħal-Luqa, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, Santa Luċija, u ż-Żurrieq (14-il Kunsill).

Wieħed jinnota kif ċertu reġjuni ma jagħmlux sens ġeografiku fil-mod ta' kif inhuma kostitwiti bħala lokalitajiet. Wieħed ma jifhimx kif lokal bħas-Swieqi jifforma parti mir-Reġjun ta' Tramuntana meta jmiss ma' San Ġiljan, San Ġwann, tas-Sliema u Gżira u dawn il-lokalitajiet kollha jiffurmaw parti mir-Reġjun Ċentru! Bl-istess mod Pembroke. L-istess wieħed jista' jgħid għal Floriana li mhix maċ-Ċentru u tinsab fir-reġjun ta' Xlokk. Dan jaffettwa anki jekk se nibdew nitkellmu fuq kuntratti reġjonali.

**Reġjuni bl-istess lokalitajiet bħad-Distretti t' Entitajiet Governattivi u Għarfien**

F' Pajjiżna, kull entita' jew dipartimet Governattiv għandu r-reġjuni jew distretti tiegħu. Biex nagħti eżempju; Ċentru tas-Saħħa, Pulizija, Korporazzjoni tax-Xogħol, Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Enemalta.

La darba se nibdew nesploraw responsabiltajiet ġodda lir-reġjuni u possibilment ħruġ ta' kuntratti fuq bażi reġjonali, ikun jagħmel sens li jsir studju sabiex il-konfini ta' kull entita', possibilment ikunu jixbhu lil dawk tar-Reġjuni. Dan jgħin lil kull min hu nvolut meta jiġi biex jiddiskuti xi devoluzzjoni, kemm ta' servizz gdid kif ukol materji oħra.

**Għarfien tar-Reġjuni**

Ninnutaw illi kull darba li tkun se ssir xi devoluzzjoni ta' servizz jew ieħor, entitajiet bhal Pulizja u oħrajn li huma msemmija hawn fuq, m'għandhomx għarfien tar-Reġjuni u għaldaqstant, ma ssir l-ebda konsultazzjoni magħhom meta jkunu jridu jieħdu xi inzijattiva jew oħra. Ir-Reġjun għandu jingħata għarfien aħjar mill-Gvern Ċentrali fl-ispettru wiegħsa kollu tal-ħidma tal-Gvern

**Funzjoni u Responsabbiltajiet Ċari**

Qed ngħidu li r-reġjuni għandu jkollhom 5 responsabbiltajiet primarji. Dawn huma;

- Is-Saħħa
- L-Aspett Soċjali / Housing
- Infrastruttura
- Edukazzjoni
- Ambjent

**Saħħa** - Nemmnu li biex jiġu evitati spejjeż doppji u anki jingħata servizz aħjar u jsir ukoll l-aħjar użu mir-riżorsi umani, ir-Reġjuni għandu jkollhom devoluzzjoni tal-bereġ fil-lokalitajiet, bil-għan li dawn jissaħħu u jagħtu servizz superjuri. Wieħed għandu jikkonsidra li ċerti servizzi li jingħataw minn kull lokalita' b' ħela ta' riżorsi, għandhomx jibdew jingħataw fuq bażi reġjonali. Dan ma jfissrix li s-servizz jingħata minn lokalita' waħda iżda li jkun hemm tqassim aħjar tar-riżorsi b' riżultat li jkunu jistgħu jibdew jingħataw servizzi ġodda li bħalissa jistgħu jingħataw biss mill-isptarijiet tagħna.Kull Reġjun għandu jkollu uffiċċjal li jkun jista' jagħti gwida ċara lill-pazjent / klijent, tas-servizzi kollha offruti f' dak ir-reġjun partikolari u anki servizzi oħra fuq bażi nazzjonali bħal tagħrif ta' kwalifiki għal ċerti benefiċċji bħal karta r-roża etc. Qed ngħidu li l-Ministeru tas-Saħħa, jalloka 5 persuni, wiehed f' kull reġjun, sabiex iservu bħala customer care għal pubbliku u tonqos il-pressjoni minn fuq l-isptar u l-cutomer care ċentrali tal-Gvern. Dan jgħin ukoll sabiex ir-residenti jkollhom servizz iktar viċin ir-residenza tagħhom.

**Aspett Socjali / Housing** – bħall-eżempju tas-Sahha, nemmnu li ghandu jkun hemm ufficcjal tal-Gvern Centrali minn dan il-Ministeru fejn ikollu gharfien shih tas-sistema ta' social welfare u l-housing sabiex jiġi offrut servizz fil-lokalitajiet bla ma wieħed ikollu bżonn imur fid-distretti jew l-awtorita' sabiex jistaqsi jew japplika għal ċertu benefiċji. Barra dan, qed ngħidu wkoll li ċertu xogħolijiet fuq bini ta' housing tal-Gvern, jibda jsir mir-reġjun. Dan iwassal biex ix-xogħol isir f' inqas żmien u b' iktar superviżżjoni. B' ħaġa bħal din, il-fond li bħalissa qed jgħaddi għand l-Awtorita' tad-Djar għal dawn it-tiswijiet, jibda jgħaddi għand ir-reġjuni u allura ma jkunx hemm bżonn allokazzjoni addizzjonali sabiex din ir-responsabbilta' tgħaddi għand ir-reġjuni. Kif wieħed jista' jinnota. Kull inizjattiva li qed insemmu, hija respnsabbilta' li bħalissa hija f' idejn il-Gvern Ċentrali. B' eċċezzjonijiet żgħar, ma naqblu qatt li responsabbilitajiet tal-Kunsilli Lokali jgħaddu għand ir-Reġjuni. Dan għaliex ħaġa bħal din iddgħajjef il-Kunsilli Lokali.

**Infrastruttura** – Issa li l-Gvern ser ikun qed iwaqqaf l-Aġenzija sabiex tibni mill-ġdid it-toroq ta' Pajjiżna, nemnu li r-reġjuni għandhom jingħataw ir-respnsabbilta' illi jkunu l-pont bejn din l-aġenzija u l-Kunsilli Lokali, la darba dan il-proġett jitlesta fl-intier tieghu. Ma' l-Infrastruttura qed nitkellmu wkoll fuq id-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq. Qed ngħidu li Malta għandha taħdem fuq il-proġett pilota li sar f' Għawdex fejn ir-Reġjun imexxi dan il-progett. Dan irid isir b' konsultazzjoni sħiħa mal-Kunsilli Lokali u l-kuntratti maħruġa għandhom jiġu approvati mill-Kunsilli Lokali. Tali kuntratti għandhom jinkludu fihom klawsoli li jissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsilli Lokali b' service agreement għall -perjodu ta' snin twal li jkun ikopri wkoll certi garanziji u tiswijiet fi żmien stabbilit.

**Edukazzjoni** - Nemmnu li dan il-qasam jista' jitħaddem aħjar fuq bazi reġjonali. B' edukazzjoni qed nirreferu għal proġetti bħal; 'life long learning', proġetti ewropej u libreriji. Filwaqt li hu tajjeb li kull Kunsill ikollu l-librerija tiegħu, nemmnu li hemm ħela ta' riżorsi għaliex mhux bilfors jagħmel sens li jkollok 14-il librerija fl-istess reġjun. B' librerija ċentrali f' kull reġjun, wieħed jista' jinvesti f' kotba ta' ċertu livell li mhux dejjem ser issibhom f' libreriji lokali. Dan jista' jwassal ukoll għal organizazzjoni aħjar u iktar effiċjenza. Bl-istess mod fejn jidħol 'life long learning'. Ninnotaw li ħafna drabi l-istess korsijiet jingħataw fl-istess lokalitajiet b' attendenza zgħira jew mhux kif wieħed jixtieq. Jagħmel sens li wieħed jikkunsidra li jistudja din il-possibilta'.

**Ambjent** – M' hemmx dubju li l-aktar suġġett diskuss bħal issa huwa dak tal-kollezzjoni u mmaniġġjar tal-iskart. Jidhrilna li s-sistema preżenti kif qed titħaddem qed twassal biex ma jintlaħqux ir-rizultati mixtieqa u żgur li mhux nieħdu l-aħjar valur għal flus li qed nonfqu bħala pajjiż. Nemmnu li bi sforz kollettiv, pjan fit-tul u rieda tajba minn kulħadd, il-ġbir ta' l-iskart għandu jibda jsir fuq bażi reġjonali. Għandu jkun hemm 5 kuntratti u mhux 68 kuntrat, bi sparpaljar ta' flus, li jistghu jintefqu għal inizjattivi differenti mill-Kunsilli Lokali.

Qed ngħidu li għandu jkun hemm time frame li jiġi identifkat fl-immedjat fejn jiġi ddikjarat meta qalba bhal din ghandha ssir. Dan jagħti ċans sabiex il-kuntratti kollha preżenti tal-Kunsilli Lokali jiġu eżawriti. Mhux biss, imma b' dan il-mod, wieħed anki jagħti ċans lil kuntratturi preżenti sabiex jew jinvestu f' apparat aħjar fuq bażi individwali sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fuq bażi reġjonali jew anki billi jingħaqdu flimkien f' koperattiva u xorta waħda jkunu meqjusa sabiex ikunu eligibbli li japplikaw għal kuntratti simili. Dan iwassal ukoll sabiex anki l-Kunsilli Lokali jkollhom iċ-ċans jiddiskutu mar-Reġjun tagħhom il-kundizzjonijiet li huma jixtiequ għal lokal tagħhom. Dan għaliex l-ebda lokalita' m'għandha l-istess bżonnijiet u l-esigenzi huma differenti wkoll. Il-Kunsilli Lokali għandhom jibqa' jkollhom kuntatt dirett mal-Kuntrattur u jrid ikun hemm

sistema ugwali f' kull reġjun kif wieħed jista' jirraporta u anki jsegwi on line fejn ikun wasal l-ilment tieghu. Naturalment, bhal fil-każ tad-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq, għandu jkun hemm uniformita' fuq liema passi u kif għandhom jittieħdu meta jkun hemm nuqqas. Dan flimkien ma' rimedji li jagħtu saħħa lil Kunsilli Lokali.

Fl-istess qasam, nemmnu li hemm skemi oħra li jistgħu jgħaddu għand ir-reġjuni bħal tindif ta' widien u ġonna li jinsabu f' żoni barra l-konfini tal-Kunsilli Lokali.

**Noti Ġenerali**

*(i) Servizz ta' professjoni*

Tul is-snin saru diversi tentattivi li proġett bhal dan isir. Illi r-Reġjuni jiġu riformati u jingħataw iktar responsabbiltajiet. Fosthom issemmew li dawn ikollhom nies ta' professjoni li jagħqdu lil Kunsilli kollha tagħhom. Issemmew il-periti, Accountant u anki l-avukati. L-Assoċjazzjoni ma taqbilx ma' dan ma tarx kif ħaġa bhal din tista' taħdem. Għaldaqstant, din lanqas biss qed tiġi kkonsidrata.

Nemmnu iżda li r-reġjuni għandhom jipprovdu servizz effiċċjenti lil Kunsilli Lokali tagħhom fejn jidħlu fondi Ewropej. Irridu naraw li r-Reġjuni jkollhom fondi sabiex iħaddmu persuna kwalifikata f' dan il-qasam u li tista' twassal sabiex jiġu assorbiti aktar fondi Ewropej fuq livell lokali.

*(ii) Uffiċju Amministrattiv Regjonali*

Nemmnu li ghandu jkun hemm threshold impost mill-Gvern, permezz tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-ispiża rikurrenti tar-Reġjuni f' dak li hu kiri ta' uffiċijni. Għandu jiġi iddentifikat post minn fejn reġjun għandu jopera bil-ħsieb li jiġu evitati ċertu spejjeż. Nagħtu eżempju, jekk fir-reġjun taċ-Ċentru hemm 13-il lokalita', ir-Reġjun għandu jagħmel sforz li possibilment jikri post mhux f'lokalita' minn dawn it-13 li l-aktar għandha prezzijiet għolja ta' kirjiet. Dan irid isir b' bilanċ mal-fatt li l-lokalita' possibilment tkun waħda ċentrali mal-lokalitajiet kollha li jiffurmaw dak ir-reġjun. Għandu jkun stabbilit Reġjun x' għandu bżonn biex jopera, għandux bżonn kirjiet addizzjonali bħal, garaxxijiet, vetturi etc. La darba r-responsabbiltajiet se jkunu ugwali, wiehed ma jifhimx għaliex għandu jkun hemm varjanza kbira fl-ispiża operattiva bejn reġjun u ieħor. Għaldaqstant, qed nipproponu li jsir studju dwar dan u anki n-numru ta' impjegati.

*(iii) Tribunali*

F' dan ir-rigward, qed nipproponu li t-tribunali lokali għandhom imorru direttament taħt il-Ġustizja. Mhux qed naraw li dawn għandhom jibqgħu taħt ir-reġjuni la darba issa s-sistema ta' infurzar lokali se tibda titħaddem mil-Gvern Ċentrali fi ħdan dipartiment magħluq.

**Konklużjoni**

Dan id-dokument għadu fi stadju ta' konsultazzjoni, u se jiġi diskuss fil-laqgħa tas-Sindki f' Diċembru li ġej. Minn hemm, jiġi finalizzat dokument abbażi ta' dak diskuss u jiġi ppreżentat lis-Segretarjat għal Gvern Lokali f' isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Mario Fava

President

Assocjazzjoni Kunsilli Lokali